# Is Sur Ġanni Bonnici



***Artist Mosti li għamel unur lil Mosta u lill-Malta***

Kitba u Ritratti Victor B. Caruana

*Huwa ta' unur għalija li naf lil Ġanni bħala ħabib personali. Qabel ma żżewweġ, kien jaħdem fl-istudju tiegħu fil-pjazza ta' Santa Marija ta' Triq it-Torri, fejn kont ngħaddi ħafna ħin narah jaħdem. Spiss ġbitlu ritratti tax-xogħolijiet tiegħu.*

**L-Ewwel Edukazzjoni Tiegħu**

Ġanni Bonnici twieled il-Mosta fl-4 ta' Settembru 1932 f'dar numru 26/27 fi Triq il-Mitħna l-Qadima l-Mosta fejn missieru Ġuzeppi kellu forn tal-ħobz. Ommu kien jisimha Vincenza imwielda Sammut. Hu kien it-tlettax minn erbatax aħwa, li kienu disa' subien u ħamest ibniet.



*Statwa ta' San Tarcisju, minqux fil-ġebla Maltija li tinsab fil-faċċata ta' l-Oratorju Qalb Ta' Gesù fil-Mosta.*

Huwa kien jattendi l-Iskola Primarja tal-Mosta u dejjem kien iħobb ipinġi u jagħmel il-figuri tat-tfal. Dak iż-żmien kien jiġi s-Sur Victor Fleri Soler, għalliem ta' l-arti, li jien niftakru tajjeb. Dan mill-ewwel induna bit-talent taċ-ċkejken Ġanni. Huwa laqqgħu ma' Ġuzeppi Schembri pittur Mosti, li ftit huwa magħruf, u li kien ukoll fotografu tajjeb. Dan beda jgħallmu xi ftit u ħajru biex beda jattendi l-Iskola ta' L-Arti, fil-Belt fl-1945.

Hawnhekk kompla jistudja taħt artisti magħrufa bħal pittur Edward Caruana Dingli, li kien id-direttur ta' l-iskola, l-iskultur Vincenzo Apap, Carmelo Attard Cassar Professur ta' l-Istorja ta' l-Arti u l-iskulturi Antonio Micallef u George Borg. Għalkemm kien għadu tfajjel kien imur jgħin lil Vincenzo Apap waqt li dan kien qed jaħdem fuq l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Mosta meta sarilha xi tibdil fl-1948. Ta' sittax-il sena kien jgħin lil Mastru Ġuzeppi Barbara waqt ix-xogħol ta' l-iskultura fil-knisja ta' l-Imqabba u ħdem ukoll fl-iskultura fil-knisja ta' Ħal-Tarxien. Huwa ħadem ukoll ma' Ġorġ Borg Farrugia fl-iskultura fil-knisja ta' l-Erwieħ u fil-Casino Maltese fil-Belt.

Ta' l-istess età, huwa ġie ikkommissjonat mill-Arcipriet tal-Mosta Dun Pawl Galea, biex jagħmel l-iskultura fiż-żewġ koppletti li qegħdin hekk kif tidħol mill-bibien tal-ġnub tar-Rotunda. Wara dan ħadem ukoll fil-knisja ta' Ħ'Attard bl-iskultura ta' parti mill-gwarniċa tal-korsija li ma kienitx komplita. Ftit wara ħadem fil-knisja ta' l-Imsida, billi skolpixxa erba' panewwijiet ornamentali mal-ġnub tal-kwadri laterali tal-kor. Huwa skolpixxa ukoll dekorazzjonijiet u statwi f'ħafna djar u vilel privati f'diversi rħula.

**Boroż Ta' Studju**

Waqt li kien jistudja fl-iskola ta' l-Arti huwa dejjem kien minn ta' quddiem u rebaħ diversi premjijiet fl-eżamijiet finali. Waqt li kien attiv, jiskolpi fil-ġebla, fl-1951, il-ħawtieli artist, infetħitlu opportunita oħra, fil-fergħa ta' l-arti. Din kienet l-arti taċ-ċeramika. Dan l-artigjanat kien ilu li nqata' minn Malta mill-bidu tas-snin tletin u qatt ma kien jissemma fil-kamp artistiku. Fl-1951, reġa twieled mill-ġdid permezz tas- Sinjura Cecilia De Trafford



*L-Artal Maġġur fir-Rotunda bil-panew tal-bronż maħdum minn Ġanni Bonnici*

li fetħet fabrika taċ-ċeramika Maltija.

Is-Sinjura De Trafford ġabet żewġ professuri Ingliżi, Mr. Charles Bone u l-mara tiegħu Mrs. Sheila Michel. Permezz ta' rakkomandazzjoni li saritlu mis-surmastrijiet tiegħu bħala student promettenti ġie impjegat f'din il-fabbrika. Ma' dawn Ġanni beda jistħarreġ fl-artiġjanat taċ-ċeramika. Fl-1953/54 . Sinjura De Trafford bagħtitu jistudja l-arti taċ-ċertamika fil-Kullegg ta' Stoke –On-Trent fl-Ingilterra.



*Is-sedja u l-banketti fir-Rotunda ddisinjati minn Ganni Bonnici.*

Ma tul din il-karriera, l-ħabrieki Ġanni baqa' dejjem jattendi l-Iskola ta' L-Arti. Fis-sena skolastika 1953/54 resaq għall-borża ta' studju bis-suġġetti – storja ta' l-arti bil-kitba, disinn ornamentali, disinn tal-figura, mudellatura ornamentali, u modellatura ta' ritratt – bust mill-veru (poża ta' mudella) b'ħinijiet limitati. Ġanni gab l-għola marki fost seba' studenti u b'hekk rebaħ il-borża ta' studju għall-erba' snin fl-Accademia Di Belle Arti ta' Ruma.



*"L-Ewwel Passi" statwa ohra ta' Ganni li tinsab fir-Roundabout quddiem l-ajruport il-qadim f'Hal Luqa.*

F'Ottubru 1954, Ġanni mar Ruma u resaq għall-"eżame d'ammissione" ta' l-Akkademja. Dan kien eżami iebes li kien jikkonsisti – Storia Dell'Arte, Disegno Della Figura Dal-Vero, Modellatura Della Figura Dal Vero, u Anatomia Fisica. Wara, Ġanni għadda ġimgħa ta' tensjoni kbira, jistenna r-rizultat. Iżda it-tensjoni inbidlet f'ferħ meta huwa rċieva riżultat tajjeb u beda l-ewwel sena tal-kors.



*L-istatwa tal-kittieb u storiku Mosti Emanuel B. Vella.*

Ġanni tant kellu ambizzjoni għat-tagħlim ta' l-arti, illi waqt l kien hawn kien jattendi korsijiet ta' filgħaxija fl-Iscuola Della Ceramica, Istituto Statale D'Arte, L-Scuola D'Arte Della Medalia, Scuola Libera Del Nudo, u Scuola D'Arte Ornamentale. Barra milli spiċċa l-korsijiet kollha b'suċċess u kiseb id-diploma ta' kull istituzzjoni, ta' prova bikrija tal-kapaċitajiet tiegħu billi ħa sehem b'suċċess f'kompetizzjonijiet ma' studenti barranin.

Fl-1957 huwa rebaħ l-ewwel premju f'kompetizzjoni ta' l-Arti Religjuza, mnedija mis-societa Pro Civitate Christiana t'Assisi meta pprezenta altoriliev "Id-Disputa Ta' Gesu fit-Tempju". Permezz ta' żewg statwi ħa sehem fl-esibizzjoni "Terza Mostra D'Arte Giovanile" li kienet saret fil-Palazzo Del Esposizzione" ta' Ruma f'April 1958.

Aktar tard Ġanni ingħata Boroż Ta' Studju oħra mogħtija mill-Gvern Malti, l-Ambaxxata Taljana, u dik Awstrijaka. Huwa attenda l-Accademia Pietro Vanucci ta' Perugia fl-1960, l-University of London Institute Of Education, u s-Slade School Of Art ta' Londra (1961-1962) fejn kiseb l-Arts Teachers Certificate. Fl-1970 attenda kors fil-Landfachschule Fur Keramit ta' Burgenland, Stoob fl-Awstrija. Fl-1978 huwa attenda kors "Design for Secondary Schools", fil-Leicester Polytechnic College of Education u ieħor fid-disin u teknoloġija (1979) fil-Loughborough University of Technology, l-Ingilterra.

**L-Ewwel Artist Ċeramista Malti**

L-iskultur Ġanni Bonnici kien l-ewwel artist ċeramista Malti. Kienu x-xogħlijiet tiegħu fiċ-ċeramika, li ġew esebiti għall-ewwel darba fil-wirjiet ta' l-arti. Dan kien



*"Marija Omm Il-Maltin" li tinsab fil-faccata tal-knisja ta' Burmarrad.*

fis-sajf tal-1955, fil-Padiljun ta' l-arti, fit-Trade Fair li dak iż-żmien kienet saret fil- Gonna ta' San Anton.

F'Ottubru 1958 Bonnici ġie maħtur għalliem ta' l-arti u ċ-ċeramika fl-Iskola Sekondarja Teknika San Ġużepp Ħaddiem f'Raħal Ġdid. Hawnhekk f'din is-sena skolastika bdew għall-ewwel darba fl-iskejjel Maltin il-korsijiet fiċ-ċeramika li jwassal għall-livell ordinarju u livell avanzat tal-General Certificate of Education. Kienu l-ħidma, il-ħerqa u l-imħabba lejn l-arti fiċ-ċeramika ta' Ġanni Bonniċi li ntroduċew din il-fergħa ta' l-arti fl-Edukazzjoni Maltija. Kontemporanjament Bonnici kien jgħallem il-kors ta' filgħaxija fl-istess suggett għall-adulti. Ġanni għandu xogħolijiet mill-isbaħ fiċ-ċeramika kemm f'Malta kif ukoll barra.

**Medalista Magħruf**

Ganni hu magħruf ukoll bħala medalista. Huwa kien l-uniku Malti li ġie ppremjat meta fl-1960 ingħata t-tieni premju għal medalja kommemorattiva tad-Dsatax Iċ-Ċentinarju ta' San Pawl Nawfragu. Ġuzeppi Calì sar magħruf u beda jpitter f'diversi knejjes f'Malta wara li pinġa l-kwadru tal-Madonna tar-Ružarju li tinsab fir-Rotunda f'Marzu 1870. L-istess ħaga ġrat ma' Ganni Bonnici wara li ġie kkomissjonat jiddisinja l-Medalja Kommemorattiva ta' L-Għaxar Anniversarju ta' L-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari li jinsab fir-Rotunda, mill-Arċipriet Dun Joe Carabott.

Wara din Ġanni ddisinja diversi medalji kommemorattivi. Fost dawn insibu l-Ħamsin Anniversarju tal-Parroċċa ta' San Bastjan (Ħal Qormi); il-125 Anniversarju tal-Każin Nicolo Isouard (Mosta); il-150 Anniversarju tal-Kamra tal-Kummerċ u l-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Air Malta. Huwa ddisinja l-medalja kommemorativa tal-125 sena mit-twaqqif tal-Banda La Valette u l-25 Anniversarju ta' l-inkurunazzjoni tat-Titular ta' l-Assunta fil-Mosta. Fl-okkazzjoni tal-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta f'Mejju 1990 huwa ddisinja l-muniti tad-deheb u l-fidda maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta, kif ukoll dawk maħruġa fl-1991 biex ifakkru l-20 Anniversarju tal-ftehim bejn Malta u l-Komunità Ekonomika Ewropeja.

**Ħatriet Amministrativi fl-Edukazzjoni u Oqsma Oħra ta' l-Arti**

Fl-1974 huwa nħatar Kap ta' l-Iskola ta' l-Arti u Artigjanat f'Targa Gap, il-Mosta, kariga li huwa okkupa sal-1992. Ġanni kellu ħatriet f'diversi kumitati u boards fosthom l-Malta Arts Council, il-Coinage Advisory Board, Kumitati Festi Nazzjonali, u l-Kummissjoni tas-servizz Pubbliku għall-għażla ta' l-għalliema ta' l-Arti. Huwa wkoll il-President tal-Kunsill skolastiku ta' l-Iskola ta' l-Arti fil-Belt. Ġanni huwa wkoll membru tal-Stamp Design Advisory Board, post li huwa okkupa sa mill-1972. La semmejna l-bolol ta' min isemmi li huwa ddisijna l-ħarġa tal-bolol tal-Milied fl-1985.

**Monumenti Barra Minn Malta**

Fl-1990 Ġanni Bonnici għamel statwa ta' Kristu Rxoxt għal knisja fi Bradford, il-Canada. Din tant intogħġbot li huwa ġie mqabbad jagħmel monument iddedikat lil 26 martri li huwa wiesgħa 48 pied u 10 piedi għoli. Dan tpoġġa fil-faċċata ta' l-istess knisja. Fl-1998 huwa ħadem statwa ta' San Pawl li tinsab f'San Francisco, U.S.A. f'Ruma huwa ħadem skultura ta' Santu Wistin li huwa ħadem għall-Casa Madre ta' l-Ordni Agostinjana.

Monumenti f'Malta

Fl-1990 Ġanni ħadem monument li jfakkar l-ewwel miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II u li jinsab fil-Mellieħa, monument tassew sabiħ li nkixef mill-Q.T. il-Papa nnifsu. Monumenti oħra tiegħu huma dak tat-Tabib Nikola Zammit li jinsab is-Siġġiewi (1977); Il-Kurċifissi li jiddominaw il-knejjes parrokjali ta' Santa Luċija (1975) u San Bastjan (Qormi). Monument ieħor din id-




*Il-monument lill-Qalbiena Mostin fil-Mosta.*

darba maħdum fil-Ħadid inkixef fil-Power Station il-ġdida f'Delimara fl-1994. Ġanni ħadem ukoll monument tal-Gran Mastru Pinto li jinsab ħdejn San Bastjan (Ħal Qormi) fl-2000.

**Xogħolijiet Tiegħu Fil-Mosta**

Fil-faċċata ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù insibu l-istatwi ta' San Tarċisju u ta' Santa Marija Goretti. Huwa ġie ikkommissjonat biex jiddisinja bosta opri sbieħ li nsibu fir-Rotunda mill-Arcipriet Dun Joe Carabott. Is-sett ta' l-Anbone, l-Artal Maġġur, il-Ġradenzini tal-ġnub kif ukoll is-Sedja saru kollha fuq disinn tiegħu. Dawn huma mżejna b'pannewwijiet mill-isbaħ li Ġanni ħadem fil-bronż. Fis-sagrestija tar-Rotunda għandu l-monumnet "Tal-Miraklu tal-Bomba". Insibu wkoll l-Artal, l-Ambone, u t-Tabernaklu kollha maħduma fuq disinn tiegħu fl-irħam fil-Knisja ta' Marija Omm il-Knisja f'Ta' Mlit. Insibu wkoll il-monument lil magħruf storiku u kittieb Emanuel B. Vella fi triq li ġġib ismu kif ukoll il-monument lil prokuratur ħabrieki Mosti Dun Ang Camilleri li jinsab fil-Pjazza Rotunda. Għadu kif ħadem bust tas-Surmast Antonio Miruzzi għan-Nicolo Isouard Band Club.



*Il-monument ta' l-Indipendenza li tinsab quddiem il-Mall fil-Furjana..*

**Tlett Monumenti b'Rabta Waħda**

Ġanni Bonnici żżewweġ lil Pauline nee Borg fil-21 t'Awissu 1971 u għandom żewġ ulied Hermann u Kurt. Semmejt dan fl-aħħar għaliex xtaqt insemmi tliet xogħlijiet mill-isbaħ tiegħu. Dawn huma l-monument ta' l-Indipendenza fil-Furjana (1989), ta' Marija Omm il-Maltin li tinsab fil-Faċċata tal-Knisja ta' Burmarrad, (1983); u fl-aħħarnett "Il-Monument Lill-Qalbiena Mostin" (1992) fil-Mosta. F'dawn it-tlieta Ganni ħadem il-wiċċ tal-figura femminili fuq wiċċ is-sinjura tiegħu Pauline.

**Rebbieħ Ta' L-Aqwa Unuri**

Ġanni Bonnici irċieva bosta unuri bħala rikonoxximent tal-kapaċita artistika tiegħu. Fost dawn ta' min isemmi li fl-1982 kien irceiva l-Unur ITALART bħala l-"Artist Tas-Sena" mill-Associazione Nazionale D'Arte Culturale D'Italia. Fl-1990 huwa ingħata l-Medalja Tad-Deheb mis-Soċjetà Maltija Ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ. Fl-1993 huwa ingħata il-Premio Citta Di Valletta organiżżat mill-Editore Vincenzo Ursini Di Catanzaro in Collaborazione Poeti Maltesi sotto il Patrocinio del Presidente Di Malta.

Huwa ġie onorat anke fil-Mosta raħal twelidu fl-1999 meta l-Kunsill Lokali taħ l-Onorefiċenza "Ġieħ il-Mosta". Il-kapaċita artistika tiegħu u l-kontribut kbir tiegħu lejn l-arti Maltija ġiet rikonnoxxuta fuq livell nazzjonali fit-13 ta' Diċembru 2002 meta l-President ta' Malta, il-Prof. Guido De Marco ħatru Membru Ta' l-Ordni Nazzjonali Tal-Mertu.

Hemm aktar xogħlijiet magħrufa tiegħu kemm pubblici u f'kollezjonijiet privati.

Is-Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard tħossha onorata li s-Sur Ganni Bonnici f'żogħżitu kien bandist f'din l-istess banda fejn kien idoqq il-kornu. Ġanni qalli wkoll li meta kien iżgħar kien ukoll idoqq mal-Banda tal-Mosta Boy Scouts li kien għadha kif twaqqfet.

Prosit tassew Ġanni Bonnici, artist mill-aqwa li għamel ġieħ kbir lil Mosta u lil Malta.

*(Ħajr lis-Sur Ġanni Bonnici, l-familja tiegħu li dejjem laqgħuni, u speċjalment lil ibnu il-Perit Hermann Bonnici ta' l-għajnuna tiegħu biex stajt niġbor dan it-tagħrif.)*